**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 634/2021 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**-Vs-**

**NAYIN MOHAMMAD DUHHAN**

**Illum, 13 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **NAYIN MOHAMMAD DUHHAN** ta' 25 sena, iben Mohammad Safa xebba Anwar, imwieled il-Libja nhar it-2 ta' Diċembru 1995, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru **9004716A** u Numru tal-Pulizija **20JJ-013**, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl (00:00 Hrs) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00 Hrs) ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birżebbuġia u/jew nħawi oħra f'dawn il-gżejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' 'Tablet', liema serq huwa kkwalifikat bil-'ħin' u bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-detriment ta' Thea Borg u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra.

2. Ikkommetta serq ta' 'flus kontanti', liema serq huwa kkwalifikat bil-'ħin', għad-detriment ta' Malcolm Degabriele u Ylenia Formosa u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra.

3. Bil-ħsieb li jikkometti serq aggravat bil-'ħin' għad-detriment ta' Clayton Emmanuel Scicluna u Joseph Formosa u/jew persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

4. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) għad-dannu ta' Ylenia Formosa, Clayton Emmanuel Scicluna, Joseph Formosa u Thea Borg u/jew persuni oħra;

Kif ukoll nakkużaħ talli fl-istess ċirkostanzi, data, ħin, lok u nħawi oħra f'dawn il-gżejjer:

5. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Kif ukoll nakkużaħ ukoll talli fl-istess data u l-ġimgħat ta' qabel f'dawn il-gżejjer:

6. Għex ħajja ta' għażż u vagabondaġġ.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli b'żewġ kapi ta' serq aggravat, b'attentat ta' serq kif ukoll li volontarjament ħassar ħwejjeġ ħaddieħor, oltre b'żewġ reati kontravvenzjonali. It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li dawn ir-reati ġew kommessi mill-imputat li, waqt li kien xurban fis-sigħat bikrin ta' filgħodi fit-22 ta' Settembru 2021, sgassa l-bibien ta' diversi vetturi li kienu pparkjati ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga biex jisraq minn ġo fihom u b'hekk ikkaġuna diversi ħsarat għad-dannu tas-sidien ta' dawn il-vetturi.

Il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:-

**Ylenia Formosa** xehdet[2] illi hija sabet il-karozza tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni YLE-194 li kienet ipparkjata ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birżebbuga, bil-bieba

[1] Fol. 7 – Dok. JC.

llievata 'l barra u l-affarijiet ġewwa maqlubin kollha. Hija għamlet rapport lill-Pulizija u kkonfermat li għamlet claim mal-kumpannija tal-assigurazzjoni, England Insurance Agency Limited. Mir-rapport tal-okkorrenza li xehed dwaru PC 1401 Christopher Copperstone[3], l-uffiċjal li rċieva r-rapport ta' Ylenia Formosa, jirriżulta illi dan l-inċident seħħ bejn il-21 ta' Settembru 2021 u t-22 ta' Settembru 2021 u mis-survey report esebit minn Gabriella England[4] jirriżulta li l-ispejjeż biex jissewwew il-ħsarat fil-bieba tal-lemin ta' quddiem tal-vettura, jammontaw għas-somma ta' €822.34[5].

**Joseph Formosa** xehed[6] illi fit-22 ta' Settembru 2020 huwa sab il-vettura tiegħu, Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni JOE 360, li kienet ipparkjata ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, bil-bieba llievata u bil-ħġieġa mkissra. Ikkonferma li huwa sewwa l-ħsarat u għamel claim mal-kumpannija tal-assigurazzjoni tal-vettura, filwaqt li Gabriella England esebiet is-survey report[7] li awtorizza t-tisiwija tal-ħsarat fuq il-vettura JOE 360 li minnu jirriżulta illi l-ispejjeż tat-tiswija jammontaw għal €881.74.

**Clayton Emanuel Scicluna** xehed[8] illi fit-22 ta' Settembru 2021 huwa mar biex jiftaħ il-vettura tiegħu, Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni JBN 564 li kienet ipparkjata f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga, u sab li l-bieba kienet miftuħa u kellha ħsara li ma kienetx hemmhekk qabel[9]. Ikkonferma li huwa ħallas spejjeż ta' ċirka €300 biex isewwi din il-ħsara.

**Thea Borg** xehdet[10] illi fit-22 ta' Settembru 2021 hija sabet il-vettura tagħha, Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni HTA-148, miftuħa b'xi affarijiet neqsin. Kien hemm ħsara fil-bieba[11] tant li din trid tinbidel minħabba ħsara li saret lill-electronics u

---

[2] 25 ta' Novembru 2021.
[3] Xhieda tat-28 ta' Ottubru 2021,
[4] in rappreżentanza tas-soċjeta' England Insurance Agency Limited.
[5] Dok. GE2.
[6] 25 ta' Novembru 2021.
[7] Dok. GE1.
[8] 25 ta' Novembru 2021.
[9] Vide ritratti Dok. CS1, CS2 u CS3.
[10] 25 ta' Novembru 2021.
[11] Vide ritratti TB3 u TB4.

fir-rigward ġiet prodotta stima fis-somma ta' €462.93[12] u mill-karozza nsteraq baskett kannella b'karti tax-xogħol kif ukoll iPad antika li kienet xtratu second hand għall-prezz ta' ċirka €350 jew €370 iktar minn tliet snin qabel[13].

**Malcolm Degabriele** xehed[14] illi madwar xaharejn qabel, huwa sab il-vettura tiegħu, Land Rover Discovery in-numru ta' reġistrazzjoni CAC 119, li kienet ipparkjata ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga, miftuħa u sab ukoll €100 f'kontanti li kienu fil-glove box neqsin. Ma kellu l-ebda ħsara fil-vettura[15].

**PC2424 Jake Gatt** xehed[16] illi fit-22 ta' Settembru 2021 daħal rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga li xi ħadd kien għamel ħsara f'bieba ta' karozza u iktar tard dakinhar stess daħal rapport ieħor li karozza oħra kellha l-ħġieġa mifqugħa. Mill-investigazzjonijiet li għamel ġie identifikat CCTV camera istallata fir-residenza ta' Doris Fenech ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga, u mill-filmat huwa osserva persuna ta' karnaġġjon skur liebes l-iswed li mess karozza u iċċekkja l-pum u mbagħad din il-persuna qabżet fuq il-bieba ta' karozza oħra u fittex ġewwa u minn hemmhekk mar għal vetturi oħrajn. Iktar tard dakinhar għaddiet persuna quddiem l-Għassa tal-Pulizija liebsa l-istess ħwejjeġ u x-xhud għaraf din il-persuna bħala l-persuna li kien ra fil-filmat jikkommetti s-serq mill-karozzi, anke għaliex deher ċar li kellu l-istess daqna u body structure, ċioe' daqsxejn mibni. Għalhekk huwa talab lill-persuna tidħol fl-Għassa tal-Pulizija fejn hemmhekk ġie arrestat. Ix-xhud għaraf lill-imputat Nayin Mohammed Duhhan bħala din il-persuna li ra fil-filmat u li rah għaddej ukoll quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

---

12 Vide Dok. TB1 u TB2.

13 Mir-rapport redatt minn PC 1401 Christopher Copperstone, li xehed dwar l-istess rapport fit-28 ta' Ottubru 2021, jirriżulta li Thea Borg irrapportat li meta saret is-serqa, il-vettura tagħha kienet ipparkjata ġewwa Dawret Il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga – Dok. JC8, fol. 36.

14 25 ta' Novembru 2021.

15 PC1401 Christopher Copperstone ikkonferma l-kontenut tar-rapport li għamel Malcolm Degabriele fit-22 ta' Settembru 2021 (Dok. JC1): minn dan ir-rapport jirriżulta li s-serq sar fil-lejl bejn il-21 ta' Settembru 2021 u t-22 ta' Settembru 2021, fol. 32.

16 13 ta' Ottubru 2021.

**Raymond Savona PC40** ukoll xehed[17] li huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li ra fil-filmat li ġie elevat minn CCTV camera istallata fir-residenza ta' Doris Fenech u kkonferma li xi tliet sigħat wara li ra l-filmat, persuna liebsa l-istess flokk partikolari u bl-istess daqna u struttura, għadda quddiem l-Għassa u hemmhekk ġie identifikat bħala Nayin Mohammed Duhhan u gie arrestata.

Dan il-filmat ġie esebit fl-atti proċesswali mill-Ispettur Jonathan Cassar[18] u d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni mill-ħtieġa li titressaq bħala xhud is-sid tal-fond li minnu kien istallat is-sistema ta' CCTV camera li minnu ġie elevat dan il-filmat kif ukoll mill-ħtieġa li jinħatar espert ġudizzjarju biex joħroġ kopja tal-filmat u l-fotogrammi relevanti. Għall-Qorti dan ifisser li d-difiża ma tikkontestax illi effettivament, il-filmat esebit fl-atti proċesswali huwa l-filmat li ġie elevat mill-uffiċjali tal-Pulizija mir-residenza ta' Doris Fenech u li xehdu dwaru l-uffiċjali tal-Pulizija li raw l-istess filmat u fih għarfu bħala l-imputat bħala l-persuna.

**L-imputat Nayin Mohammad Duhhan** irrilaxxa stqarrija waqt li kien qed jiġi interrogat fl-24 ta' Settembru 2021 fejn, wara li rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat u li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni[19] u wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu kif ukoll ġie mwissi li għandu dritt ma jwieġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu, stqarr li huwa l-persuna li jidher fil-filmat muri lilu fejn jidher jiftaħ bieba ta' vettura u ammetta wkoll li kien hu li għamel il-ħsara fuq l-erba' vetturi – HCA148, YLE194, JBN564 u JOE306, li kienu lkoll ipparkjati f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbuga. L-imputat stqarr li huwa għamel dan biex jara jekk il-vetturi kienx fihom il-flus għaliex kellu l-ġuħ u ma kellux flus iżda insista li huwa seraq flus żgħar u mhux karti u innega speċifikatament li kien seraq tablet. Stqarr iżda li huwa kien ħafna fis-sakra għaliex xorob flixkun inbid u flixkun whisky u ċerti affarijiet ma jiftakarhomx u ma jiftakarx x'seraq minn ġol-vetturi li għamlilhom il-ħsara. Ikkonferma li m'għandux fejn jgħix u li huwa liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes dakinhar li kkommetta s-serq u għamel il-ħsara fl-imsemmija vetturi.

[17] 28 ta' Ottubru 2021.
[18] 13 ta' Ottubru 2021, Dok. JC11.
[19] Dok. JC9, fol. 40.

L-istess imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti[20] u kkonferma in sostanza l-istess verżjoni li kien irrilaxxa waqt l-interrogazzjoni u stqarr li kien fis-sakra u ma jafx x'kien qed jagħmel. B'mod speċifiku, huwa ċaħad li kien seraq tablet minn ġo waħda mill-vetturi li qed jiġi akkużat li seraq minnhom iżda afferma li huwa lest li jagħmel tajjeb għall-ħsara li għamel.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti qieset il-filmat Dok. JC11 fid-dawl tax-xhieda ta' PC 2424 Jake Gatt u PC40 Raymond Savona li kkonfermaw li huma għarfu lill-imputat odjern, Nayin Mohammed Duhhan bħala l-persuna li jidher f'dan il-filmat jikkommetti r-reati li qed jinsab mixli bihom. Din l-identifikazzjoni hija sinjifikanti għaliex ftit tal-ħin biss wara li dawn ix-xhieda kienu raw dan il-filmat, il-persuna li dehret fil-filmat tikkommetti dawn ir-reati, intgħaraf mill-istatura u d-daqna tiegħu kif ukoll mill-ħwejjeġ partikolari tiegħu meta għadda minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi din l-identifikazzjoni tal-imputat mill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate*

[20] Xhieda tad-9 ta' Ġunju 2021/

*arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[21].

Fil-kawza *Taylor vs Chief Constable of Cheshire* (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [22].

Huwa minnu li l-imputat jidher fil-filmati elevati mir-residenza ta' ċertu Doris Fenech, jagħmel kuntatt ma' tnejn jew tliet vetturi biss u huwa minnu wkoll li ma tressqux prova li l-vetturi tal-ħames persuni li xehdu quddiem il-Qorti li ġarrbu l-ħsarat u li nsterqu affarijiet minn ġo fihom, kienu fost il-vetturi li l-imputat jidher jiftaħ fil-filmati. Madanakollu, hemm l-ammissjoni bla tlaqliq tal-imputat fl-istqarrija tiegħu li kien hu li għamel ħsara fil-vetturi HCA148, YLE194, JBN564 u JOE306: meta ġie mistoqsi jekk kienx hu li għamel ħsara fl-imsemmija vetturi, huwa afferma li kien proprju u li għamel din il-ħsara u dan meta pprova jiftaħ il-karozzi biex jara kienx fihom flus.

Dan ifisser li l-imputat għandu jinstab ħati li kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9, addebitat lilu fir-raba' imputazzjoni u dan meta għamel ħsara volontarja fuq l-erba' vetturi fuq imsemmija. Mill-provi huwa stabbilit li l-valur tal-ħsara rrekata

---

[21] *R. vs. Caldwell and Dixon*, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

[22] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

f'dawn il-vetturi tammonta komplessivament għal €2,167.01[23] u għalhekk l-aggravju tal-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,500 ma ġiex ippruvat. Konsegwentement, sejra tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Hawnhekk jiġi osservat illi għalkemm mill-provi jirriżulta illi l-imputat għamel ħsara volontarja fuq erba' vetturi differenti – JOE360, YLE194, HCA148 u JBN564 – huwa qed jiġi mixli b'imputazzjoni waħda biss ta' ħsara volontarja, u dan fir-raba' imputazzjoni. Dan ifisser li l-Qorti tista' ssib ħtija biss in kwantu għal att wieħed ta' ħsara volontarja minflok għall-kommissjoni ta' erba' reati separati.

Ikkunsidrat;

L-imputat ammetta wkoll li huwa seraq xi flus minn vettura minnhom, ammissjoni li ġiet riaffermata minnu meta xehed quddiem il-Qorti. Għalkemm huwa insista li seraq biss ftit flus żgħar u mhux karti minn waħda mill-vetturi u ċaħad ukoll konsistentement li kien seraq tablet osssia iPad mill-vettura ta' Thea Borg, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-imputat *ex admissis* ma setax jiftakar x'seraq minn ġol-karozzi għaliex kien fis-sakra ("*ma niftakarx għax kont fis-sakra*"[24]) għaliex ftit qabel kien xorob flixkun inbid kif ukoll flixkun whisky u kien "*ħafna fis-sakra*". Għaldaqstant, il-Qorti ftit tista' tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-imputat li ma kienx hu li seraq it-tablet mill-vettura ta' Thea Borg meta fl-istess nifs ammetta li huwa fetaħ fost karozzi oħrajn, il-vettura HCA-148 tal-għamla Toyota bil-ħsieb speċifiku biex jara fihomx flus u ammetta wkoll li ma jiftakarx x'seraq għaliex kien fis-sakra. Magħdud dan (i) ix-xhieda bil-ġurament ta' Thea Borg u ta' Malcolm Degabriele li kkonfermaw quddiem il-Qorti li dawn l-oġġetti insterqu mill-vetturi rispettivi tagħhom u (ii) il-fatt li huma kienu rrapportaw minnufih lill-Pulizija fit-22

[23] Il-Qorti ma qisitx f'dan l-ammont is-somma ta' €300 li semma Clayton Emanuel Scicluna fix-xhieda tiegħu għaliex mhux biss ma ressaq l-ebda stima jew dokument ieħor dwar l-ispiża tat-tiswija tal-bieba tal-vettura tiegħu iżda ma fissirx ir-raġuni l-għala ma għandux riċevuta jew prova oħra tal-ħlas. Hu xehed biss li *"l-ħsara tagħha jigifieri biex nirrangaha għax mhux ha ndaħħal insurance hija ta' spiża kważi tliet mitt Euro (€300)"* – xhieda tal-25 ta' Novemru 2021, fol. 79 *et seq*. Għall-Qorti din mhijiex l-aħjar prova li setgħet tinġieb dwar il-valur tal-ħsara li ġarrbet il-vettura ta' Clayon Emanuel Scicluna.

[24] Stqarrija tal-imputat.

ta' Settembru 2021 li kienu nsterqu mill-vetturi rispettivi tagħhom tablet iPad u baskett b'dokumenti fih, u mitt Euro (€100) f'kontanti, rispettivament.

Wara li qieset dan kollu l-Qorti hija moralment konvinta li l-ħwejjeġ li nsterqu mill-vetturi tagħhom huma dawk li ġew deskritti mill-imsemmija xiehda u m'għandha l-ebda dubju li effettivament il-persuna li serqet dawn l-oġġetti huwa l-imputat Nayin Mohammad Duhhan u għalhekk sejjer jinstab ħati tar-reati addebitati lilu fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet: iżda in kwantu għat-tieni imputazzjoni, ma ġiex ippruvat li l-imputat ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Ylenia Formosa iżda biss għad-dannu ta' Malcolm Degabriele.

Tosserva wkoll illi mill-provi jirriżulta illi t-tablet ossia Ipad u l-flus kontanti li nsterqu għad-dannu ta' Thea Borg u Malcolm Degabriele rispettivament, insterqu minn ġewwa l-vetturi rispettivi tal-istess derubati u in kwantu għall-vettura ta' Thea Borg bl-isgass tal-bieba tal-vettura tagħha, iżda minkejja dan, l-imputat ma ġiex mixli b'serqiet li huma kwalifikati wkoll bil-mezz u jew bix-xorta tal-ħaġa misruqa a tenur tal-Artikolu 261(ġ) u 271(ġ) tal-Kap. 9.

In kwantu għall-kwalifika tal-valur tal-oġġetti misruqa mill-pussess ta' Thea Borg, il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sodisfċjentement illi l-valur komplessiv tal-oġġetti jeċċedi s-somma ta' €232.94. Il-vittma xehdet illi l-iPad kienet xtratu ċirka tliet snin qabel minn *marketplace* u b'hekk ma kellhiex riċevuta iżda kkonfermat bil-ġurament tagħha li dan kienet xtratu għall-prezz ta' mhux iktar minn €350[25]. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li x-xhieda tal-vittma tikkostitwixxi l-aħjar prova dwar il-valur li tista' tinġieb tal-oġġett derubat u l-Qorti sejra tistrieħ fuq ix-xhieda tal-vittma dwar il-prezz tal-oġġett misruq. Wara kollox, dan il-valur ma ġiex kontestat u ma ntweriet l-ebda raġuni għaliex ix-xhieda ta' Thea Borg ma għandhiex tiġi emmnuta. F'kull każ, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement li l-oġġetti misruq mingħand Thea Borg

---

[25] Meta rrapportat din is-serqa lill-Pulizija, Thea Borg irrapportat li l-valur, diversament mill-prezz tal-akkwist, huwa ta' €250 – ara rapport Dok. JC8. Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 2181 u PC220 li jirriżulta li kienu l-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu rċevew ir-rapport ta' Thea Borg, biex jixhdu u jikkonfermaw dak li rrapportatilhom id-derubata. In vista ta' din l-eżenzjoni, il-Qorti tqis li huwa ppruvat li Thea Borg irrapportat lill-Pulizija li l-valur tal-laptop li nsteraq kellu valur ta' €250.

jiswa iktar minn €232.94 għall-fini tal-Artikolu 267 tal-Kap. 9 u konsegwentement isibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikoliu 279(a) tal-Kap. 9.

Dan kollu jfisser li l-imputat jista' jinstab ħati biss ta' kap wieħed tar-reat ikkonsmat ta' serq aggravat bil-ħin u bil-valur (l-ewwel imputazzjoni) u ta' kap wieħed ieħor biss tar-reat ikkonsmat ta' serq ta' flus kontanti kwalifikat bil-ħin (it-tieni imputazzjoni). In kwantu għall-kwalifika tal-ħin, jirriżulta li dawn is-serqiet twettqu bil-lejl – mill-provi jirriżulta li s-serqiet twettqu kollha fl-istess triq fl-istess ħinijiet u li dan il-ħin – skont kif jirriżulta mill-filmat esebit (Dok. JC11) – kien bil-lejl[26].

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm mill-provi jirriżulta illi l-imputat għamel ħsara volontarja fuq erba' vetturi differenti – JOE360, YLE194, HCA148 u JBN564 - u in kwantu għal tlieta minnhom (JOE360, YLE194 u JBN-564) huwa evidenti wkoll li din il-ħsara saret bil-ħsieb li jwettaq serq, huwa qed jiġi mixli biss b'attentat wieħed ta' serq, aggravat bil-ħin. Dan ifisser li l-Qorti tista' ssib ħtija biss in kwantu għal attentat wieħed ta' serq u mhux għal tliet attentati ta' serq. Dan qed jingħad għaliex l-imputat innifsu ammetta li huwa fetaħ il-vetturi bil-ħsieb li jfittex għal flus u kwindi bil-ħsieb li jikkometti serq. Il-fatt li ma sab xejn x'jisraq meta effettivament sgassa l-bibien jew kisser il-ħġieġa ta' dawn it-tliet vetturi[27] ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-ftuħ sforzat u l-ħsarat imwettqin lill-vetturi in kwistjoni jikkostitwixxu atti esterni li taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, ċioe' d-delitt ta' serq aggravat bil-ħin[28], liema delitt ma ġiex esegwit biss minħabba ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imputat, ċioe' ma sab xejn jisraq ġo dawn il-vetturi.

Ikkunsidrat;

---

[26] L-imputat fl-istqarrija ammetta li kien hu li li jidher fil-filmat jisraq mill-vetturi u dan il-filmat jurih jaħgmel dan fid-dlam.
[27] Is-serq mill-vetturi HCA-148 u CAC-419 ġie konsmat għaliex l-imputat seraq iPad u €100 f'kontanti.
[28] Kif rajna, il-kwalifiki tal-mezz u xorta tal-ħaġa misruqa ma ġewx addebitati fiċ-Ċitazzjoni.

Illi in kwantu għar-reati kontravvenzjonali addebitati fil-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, l-imputat ammetta huwa stess li kien xurban f'post pubbliku tant illi ma jiftakarx x'seraq[29] jew x'kien qed jagħmel[30]. Barra dan, huwa ammetta wkoll li ma jaħdimx u ma għandux flus u ma għandux lanqas fejn joqgħod. Għall-Qorti, dan kollu magħdud jikkostitwixxi prova tal-ħtija tal-imputat għaż-żewġ reati taħt l-Artikoli 338(ff) u 338(w) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

In kwntu għall-piena, jirriżulta illi l-imputat filwaqt li ilu jgħix hawn Malta mill-14 ta' Ottubru 2020, għandu fedina penali netta. Ikkunsidrat ukoll li huwa ammetta l-ħtija tiegħu minnufih meta ġie interrrogat u kko-opera bis-sħiħ fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija u kkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu li huwa lest illi jagħmel tajjeb għall-ħsara u t-telf li kkaġuna. Madanakollu, huwa baqa' qatt ma ammetta l-ħtija tiegħu formalment u l-Qorti semgħet ix-xhieda kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi kif ukoll il-provi tad-difiza, f'proċediment li dam sejjer disa' xhur sħaħ f'liema perijodu l-imputat baqa' jinżamm detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Jirriżulta wkoll li l-imputat fiż-żmien li wettaq dawn ir-reati kien maħkum mill-vizzju tax-xorb u kien qed jixrob ammont sostanzjali ta' alkoħol iżda waqt li qed jiġi detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa għamel programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-problema tal-alkoħol u għamel użu minn servizzi ta' saħħa mentali. Dan ġie affermat minn Helenio Galea li xehed[31] li l-imputat qatt ma ttestja pożittiv għal sustanzi ġewwa l-ħabs u l-imġieba tiegħu hi tajba u netta. Il-Qorti semgħet ukoll lil Dr. David Cini[32] jikkonferma li l-imputat wera ħeġġa u motivazzjoni li jwaqqaf il-vizzju tax-xorb u qatt ma wera l-ebda sinjal ta' aggressjoni u dejjem ikkopoera,

[29] Stqarrija Dok. JC10.
[30] Ara xhieda tal-imputat, 9 ta' Ġunju 2022.
[31] 21 ta' Frar 2022.
[32] 21 ta' Frar 2022.

filwaqt li l-*care plan co-ordinator* tal-imputat fil-Faċilita xehdet[33] li huwa jirrikonoxxi l-problema li għandu tax-xorb iżda jeħtieġ li jiġi segwit meta joħroġ mill-ħabs. Madanakollu, huwa wkoll minnu li l-imputat esprima x-xewqa waqt l-interrogazzjoni, li jmur lura lejn pajjiżu, il-Libja.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax twarrab il-gravita' tar-reati mwettqin mill-imputat u l-fatt li huwa wettaq dawn ir-reati u kkaġuna telf u danni lil ħaddieħor biex imantni lilu nnifsu u l-vizzju tax-xorb li kellu.

Qieset ukoll li r-reat fir-raba' imputazzjoni ġie kommess bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reati addebitati fl-ewwel tliet imputazzjonijiet kif ukoll il-fatt illi evidentement, id-diversi atti magħmulin mill-imputat kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti addebitati fl-ewwel tliet imputazzjonijiet, jitqiesu bħala reat kontinwat għall-fini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 261(ċ)(f), 267, 270, 279(b), 280(1), 281, 325(1)(b), 338(ff) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil NAYIN MOHAMMAD DUHHAN ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu u tikkundannah sittax-il xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qieghed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taht u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed ukoll lil NAYIN MOHAMMAD DUHHAN taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tmintax-il xahar mil-lum sabiex jegħleb il-vizzju tax-xorb alkoħoliku u dan skont**

[33] 21 ta' Frar 2022.

**it-termini u kundizzjonijiet u ghall-finijiet specifikati fl-Ordni moghtija kontestwalment.**

**Il-Qorti tordna illi dan l-Ordni ta' Trattament jigi notifikat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-fini tal-implementazzjoni tieghu waqt li l-hati jkun qed jiskonta l-piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil NAYIN MOHAMMAD DUHHAN ħallas lil Thea Borg is-somma ta' seba' mija u tlettax-il Euro (€713), lil Malcolm Degabriele s-somma ta' mitt Euro (€100), lil Joseph Formosa s-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin Euro (€235), lil Ylenia Formosa s-somma ta' mitt Euro (€100), lil Clayton Emanuel Scicluna s-somma ta' mitejn Euro (€200), ilkoll bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom, liema ammonti għandhom jitħallsu lil kull wieħed mill-imsemmija persuni rispettivament fi żmien tmien (8) xhur mid-data meta tkun ġiet skontata l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**